

# SAN PADRE PIO

# IL-PATRI MINN PIETRELCINA

# PIETRELCINA, IL-BENNIENA TA' PADRE PIO – IL-FAMILJA U L-PREDESTINAZZJONI TIEGHU

Padre Pio twieled gewwa Pietrelcina, rahal zghir fil-provincja ta' Benevento fil-Campania, regjun fin-naha ta' isfel ta' l-Italja. Huwa rahal tant zghir u bla ebda importanza li hafna mappep u manwali tal-geografija ma juruhx. L-isem tieghu gej mill-kelma latina "Petra" (gebla) u Pucina (zghira). Madankollu huwa rahal tant pittoresk. Toroq dojoq iserrpu go xulxin li nibtu maz-zminijiet minghajr ebda ppjanar – 'l boghod hafna minn toroq dritti, bl-asfalt.

Id-djar huma binjiet rustici, antiki u wiehed jistrieh ma' l-iehor, Il-hitan taghhom huma mbajda bil-gir u juru gebel mikul biz-zmien. Kull dar hija dinja ta' hajja privata ghaliha. L-abitanti ta' dan il-lokal ghandhom haga komuni bejnithom: mhux biss rassenjazzjoni ghall-faqar, izda karattru ferriehi wkoll. Xi tfal jilghabu hafjin fit-triq filwaqt li ohrajn jitlajjaw b'idejhom fil-but, isaffru jew ikantaw xi arja mill-opri. Ohrajn jilghabu f'xi rokna fil-pjazza tar-rahal. Kemm in-nisa kif ukoll l-irgiel jaghtu dehra ta' nies b'sahhithom, li jfisser li jieklu tajjeb. Li jolqot ukoll l-attenzjoni huwa l-fatt li fin-nies tezisti kalma generali u nuqqas ta' nervuzizmu. La jidhru mghaggla u anqas mghobbija bil-problemi; ma joholmux bi hwejjeg 'l fuq minn hilithom u anqas ma ghandhom xi bizghat li jigu mxekkla jew attakkati f'xi hin jew x'imkien. Hafna minnhom huma llitterati u ftit jipposedu gid materjali bhall-flus; hadd minnhom ma ghandu

xi xewqa jew ambizzjoni li jaghmel xi vjagg kbir; hafna minnhom probabilment qatt ma hallew lil Pietrelcina, hlief wiehed-----biex jara lill-Papa gewwa Ruma.

Meta Padre Pio ra l-ewwel dawl fid-dinja, kienet is-sena 1887 u Pietrelcina kella popolazzjoni ta' 5,000 abitant. Kien il-5 ta' wara nofs inhar fix-xahar ta' Mejju, 25.

Dan huwa l-aktar ritratt antik ta' Francesco Forgione li aktar 'l quddiem kellu jkun Padre Pio.



Pietrelcina, ir-rahal fejn twieled Padre Pio jinsab fuq l-gholja, imsejha "La Morgia."



Gie mghammed l-ghada filghodu u skont xi kittieba dan sehh fil-parrocca ta' Santa Maria degli Angeli u skont ohrajn fil-knisja ta' Sant'Anna. Tawh l-isem ta' Francesco f'gieh il-qaddis ta' Assisi. Missieru, Grazio Forgione u ommu Maria Giuseppa de Nunzio kienu t-tnejn semi llitterati, umli u ta'qalb tajba u kienu jghixu bix-xoghol ta' l-ghalqa li ma kienitx wisq 'l boghod minn Pietrelcina. Kien l-uniku dhul ta' finanzi ghalihom u minkejja kull sforz taghhom, qatt ma waslu biex jaqalghu aktar minn 10 lire (flus taljani ta' dawk iz-zminijiet) kuljum ghal ghexien taghhom. F'dan ir-rigward, hafna snin wara, Padre Pio qal: "Kellna ftit, imma nizzukhajr lil Alla qatt ma naqasna xejn."



**Ghalkemm prattikament illitterati, il-ġenituri ta' Francesco kienu kapaci li jirrkontaw grajjiet u jikkwotaw l-Iskrittura Mqaddsa mill-memorja.**

Zewgt itfal mietu meta kienu ghadhom zghar u huwa kiber ma' huh akbar minnu u tlett hutu ohra izghar minnu.





**Id-dhul ghad-dar fejn twieled Padre Pio fuq l-gholja tar-rahal ta' Pietrelcina**

**il-kcina tal-familja Forgione**

Id-dar fejn kienu joqghodu kienet tikkonsisti f'kamra wahda li kellha arja ta' 145 piedi kwadri u fl-istess triq imma separata minn bini ghola, propjeta' ta' familja ohra, kellhom parti ohra tad-dar li kienet tikkonsisti f'zewgt ikmamar: kcina u kamra tas-sodda.

Id-dar taghhom kienet tinstab fuq l-ghola parti tar-rahal ta' Pietrelcina, hdejn il-kastell il-qadim li jiddomina l-belt u l-widien ta' madwar.

Minn tfulitu, ic-ckejken Francesco kien ubbidjenti u dejjem kien ta' ghajnuna ghall-genituri tieghu. Kien jiehu hsieb l-izghar merhla tad-dinja fir-razzett tal-familja tieghu, iz-zewg nghagiet tal-Forgione. Meta kien ikun fir-rahal kien jahrab il-kumpannija tat-tfal l-ohra ghax kien jippreferi li joqghod ghalih wahdu jitlob u jitkellem ma' l-anglu kustodju tieghu li hu kien jara.

Ommu xehdet li binha…" qatt ma ikkommetta xi htija, kellu xi pretensjonijiet, kien ubbidjenti lejja u lejn missieru; ta' kull filghodu kien imur il-knisja biex jaghmel zjara lil Gesu u lil Marija. Qatt ma hareg ma' hbiebu matul il-gurnata. Xi kultant kont nghidlu, ' Francesco mur ilghab ftit.' Hu kien jirrifjuta u jghidli: ' Ma rridx immur ghax dawk jidghu.'

Meta kellu hames snin diga kien ammiratur ta' San Frangisk d'Assisi, hekk li wieghed li jidhol jaghmel parti mill-kongregazzjoni tieghu meta jasal iz-zmien. F'dan il-periodu



**Il-gebla li hu kien juza' bhala mhadda halli jipprattika l-**



**Il-fonti tal-Maghmudija fejn gie mghammed Francesco u nghata l-isem f'gieh il-fqajjar ta' Assisi.**

ta' zmien, dejjem skont ix-xiehda tad-direttur spiritwali

tieghu, Padre Agostino di San Marco, huwa diga kellu bosta esperjenzi mistici. Fl-eta' ta' 10 snin, biex jipprattika l-mortifikazzjoni sab mod ta kif jastieni ruhu minn ikel u xorb. Huwa kien jorqod fl-art u jserrah rasu fuq gebla li kienet isservih ta' imhadda. Meta kellu tnax-il sena rcieva is-sagrament tal-Grizma ta' l-Isqof u ghamel l-ewwel tqarbina.

Il-kappillan tieghu, l-arcipriet Salvatore Pannullo kien ihobbu mhux biss ghax kien relatat ma' ommu, imma ghaliex fih gharaf li kellu vokazzjoni kbira. Ghalhekk huwa hadha fuq spallejh biex jifformalu l-karattru tieghu u jiggwidalu ruhu. Sas-sena 1897, l-edukazzjoni primarja tieghu kienet fi skola pubblika. Fis-sena 1898, missieru l-ewwel emigra lejn l-



**F'din il-kamra accessibli biss minn tarag tal-gebel fl-istess triq, Padre Pio kien joqghod bhala tfajjel ta' l-iskola, u wara l-ordinazzjoni tieghu bhala sacerdot, kien jistudja, jitlob, jistrieh u jikteb ittri minn dan l-istess lok.**

Amerka u aktar tard mar l-Argentina biex ikun jista' jipprovdi ghexien lill-familja tieghu u anke jiffinanzja l-istudji ta' ibnu. Snin wara meta kien jiftakar fis-sagrificcju li ghamel missieru kien jokkomovi ruhu hafna hekk kif kien jirrakonta li "missieru darbtejn qasam l-ocean biex jaghtih cans li jsir patri."

Bejn is-snin 1898 u nofs 1902 l-edukazzjoni gholja tieghu kienet provduta minn zewg imghallmin privati: l-ewwel minn Padre Domenico Tizzani u wara minn Angelo Caccavo.




TMIEN L-EWWEL KAPITLU